# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 67

Il-Ħamis 27 ta' Lulju 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 27 ta' Lulju 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

67.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Juliet Attard infurmat lill-Kunsill li ser ikun indisposta minħabba raġunijiet personali. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

67.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 66 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

67.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

67.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

67.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret il-laqgħa ta' kull xahar mal-Pulizija fejn reġgħu ġew diskussi materji relatati fuq ix-Xlendi fosthom l-ftuħ tal-għassa u l-preżenza tal-Pulizija, l-ilmenti li l-Kunsill qed jirċievi dwar l-imwejjed u s-siġġijiet tar-ristoranti, l-iskart, kif ukoll il-vetturi u d-dgħajjes abbandunati fejn il-Pulizija rrakkomandaw lill-Kunsill sabiex jieħu parir legali u jitlob l-għajnuna tas-Sezzjoni tal-*Cleansing* fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex biex jitneħħew id-dgħajjes abbandunati mingħajr reġistrazzjoni.

67.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li t-Torri tax-Xlendi qed ikun miftuħ għall-pubbliku permezz ta' voluntiera u qed ikun hemm attendenza sabiħa mill-pubbliku. Dwar is-suġġerimenti sabiex ikun hemm aċċess aħjar, il-Kunsill għaddej b'komunikazzjoni mal-Perit fuq din il-materja.

67.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħalissa għaddej xogħol flimkien mal-Perit tal-Kunsill dwar il-proġett ta' rijabilitazzjoni tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka fejn ser tinbena mill-ġdid *central strip*, isir xogħol ta' asfaltar, sistema ġdida ta' dwal kif ukoll tabella ġdida li tagħti merħba lill-pubbliku ġewwa l-lokalita'. Barra minn hekk il-Kunsill għaddej b'komunikazzjoni u permessi sabiex jiġu rilokati l-*waste depots* fix-Xlendi kif ukoll biex jinbidel ir-*railing* ta' Triq San Xmun fix-Xlendi.

67.3.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġew installati xkaffi ġodda tal-injam mal-bajja tax-Xlendi bil-għajnuna tas-sezzjoni tal-mastrudaxxa fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex.

67.3.5 Dwar l-organizzazzjoni ta' ġita fl-Italja, is-Sindku għarraf lill-membri li din intlaqgħet tajjeb iżda minħabba d-disponibblita' u l-loġistika, din ser issir bejn it-8 u t-12 ta' Settembru 2023.

## 67.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

67.4.1 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis, ressqet suġġeriment f'isem xi residenti sabiex issir ħarġa soċjo-kulturali ġewwa l-Isla fil-jiem ta' qabel il-festa tal-Vitorja. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

67.4.2 Il-Kunsillier, Joseph Cauchi ressaq suġġeriment minn resident sabiex terġa' tiġi nstallata mera tat-traffiku fi Triq Żgħawri fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 67.5 Proġetti fil-Lokalita';

67.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħalissa għaddej xogħol amministrattiv sabiex jingħalqu diversi proġetti li l-implimentazzjoni tagħhom hija konkluża fosthom il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja u proġetti oħra ko-finanzjati minn fondi Ewropej li jinkludu l-proġett tat-Torri tax-Xlendi fost l-oħrajn.

67.5.2 Il-Kunsill qed jiffoka wkoll b'xogħol amministrattiv fuq il-proġett ta' rijabilitazzjoni tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka fejn fix-xahar t'Awwissu mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għax-

xogħlijiet infrastrutturali kif ukoll l-applikazzjoni għall-fondi mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

67.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill qed fil-proċess biex japplika għall-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali SPI/SCI/4/2023 – Komunitajiet aktar siguri u organizzati. Is-Sindku informa lill-membri li l-istima tat-tekniku mqabbad mill-Kunsill tammonta għal €17,755.46 inkluż il-VAT għall-installazzjoni ta' sistemi ta' CCTV *cameras* madwar il-Munxar u x-Xlendi li 85% sa massimu ta' €15,000 minn din is-somma ser tiġi ffinanzjata minn din l-iskema. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u biex tiġi ssottomessa din l-applikazzjoni għal dan il-proġett.

67.5.4 Dwar l-iskemi tar-Reġjun, is-Sindku għarraf lill-membri li l-iskema 'Ambjent' hija konkluża peress li dan il-fond intuża sabiex jiġu koperti parti mill-ispiża tal-Perit tal-proġett tal-Pjazza filwaqt li fir-rigward tal-iskema 'Parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi' ser tiġi sottomessa talba sabiex dawn il-fondi jintużaw għall-proġett ta' *railings* ġodda fi Triq San Xmun fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

67.5.5 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill japplika għall-finanzjament sabiex jiġu organizzati attivitajiet għat-tfal u l-anzjani bejn is-16 u t-22 ta' Settembru 2023 taħt l-iskema maħruġa minn Transport Malta 'European Mobility Week 2023'. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

67.5.6 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħalissa fix-Xlendi għaddej il-programm 'I Love Xlendi Summer Events' b'kollaborazzjoni mal-Ministeru Għal Għawdex li jikkonsisti fil-fjakkolata tradizzjonali kull nhar ta' Sibt, kif ukoll, spettaklu mużikali minn artisti lokali kull nhar ta' Ħadd.

## 67.6 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti;

67.6.1 MXR/02/2023 - *Tender For The Supply and Installation of Composite Railings.*
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-11 ta' Lulju 2023. Kien hemm tlett offerti:
Gokker Ltd - €31,185.00
Kurt Azzopardi - €29,700.00
Door2Door Ltd - €34,650.00

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-orħos offerent 'Kurt Azzopardi' li kien konformi mar-rekwiżiti. Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

67.6.2 MXR/03/2023 - *Tender For The Supply and Delivery of Light Fixtures and Electrical Material for the Munxar Local Council (re-issue).*
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-8 ta' Lulju 2023. Kien hemm ħames offerti:
Aretop Ltd - €21,090.00
FB Retail Co. Ltd - €24,240.00
XT Malta Ltd - €8,759.96
ESS Ltd - €11,680.63
Calleja Ltd - €7,311.80
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-orħos offerent 'Calleja Ltd' li kien konformi mar-rekwiżiti. Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

**67.7 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*: Jannar 2023 – Ġunju 2023 (It-tieni kwart);**

67.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Ġunju 2023 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart Jannar 2023 – Ġunju 2023 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**67.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

67.8.1 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- *Gozo Ceramics Festival* – Xatt ix-Xlendi – 29 ta' Lulju 2023. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jagħti s-sehem tiegħu bħal edizzjonijiet passati.
- Attivita' Soċjali – Ġnien il-Profs Ġuże' Aquilina, il-Munxar – 4 t'Awwissu 2023.
- Attivita' Soċjali – Xatt ix-Xlendi – 22 ta' Lulju 2023. (Kienet ġiet iċċirkulata korrispondenza bejn il-membri)

- *Xlendi Sunset Festival* – Triq il-Kantra, ix-Xlendi – 13 t'Awwissu 2023. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jagħti s-sehem tiegħu bħal edizzjonijiet passati.
- *Xlendi Underwater Archeological Park Launch* – Xatt ix-Xlendi – 8 t'Awwissu 2023.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

67.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma bi proposti sabiex jiġu nstallati charging pillars għall-karozzi elettriċi fil-lokalita'. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex mil-lista proposta jiġu implimentati dawk ta' Pjazza tal-Knisja fil-Munxar, Triq il-Kantra fix-Xlendi, Triq ir-Rabat fix-Xlendi, Pjazza Anfori fix-Xlendi u jiżdied sit fi Triq ir-Rumani fix-Xlendi.

67.8.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Professur Timmy Gambin fi ħdan Heritage Malta bi proposta sabiex il-Kunsill jottjeni permess mill-Awtorita tal-Ippjanar biex Heritage Malta jinstallaw *interpretation panels* fi Pjazza Anfori temporanji li għandhom x'jaqsmu mal-proġett ta' park arkeoloġiku nazzjonali ta' taħt il-baħar fil-limiti tax-Xlendi. Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-membri għajr pożizzjoni ta' pannella minnhom fejn ġie deċiż post alternattiv. Fl-istess korrispondenza, il-Professur Timmy Gambin stieden lill-membri għall-inawgurazzjoni uffiċċjali ta' dan il-park nazzjonali nhar it-8 t'Awwissu 2023 f'Xatt ix-Xlendi.

67.8.4 Il-Kunsill irċieva notifika mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar applikazzjoni PC 00016/23 fejn hemm propost li jitneħħa *front garden* fi Triq Żirżieb fix-Xlendi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand sid ta' *camper/caravan* sabiex jottjeni informazzjoni dwar sit fejn jista' japplika għal permess biex ipoġġi erba' *campers/caravans* għall-weekend fix-Xlendi. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż li fil-lokalita' ma hemmx post adegwat għal tali permess għal erba' *campers/caravans*. Ġie deċiż ukoll li fil-futur, il-Kunsill ser ikun qed jittratta dawn it-talbiet kull każ individwalment.

67.8.6 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' lukanda fix-Xlendi sabiex l-*un/loading parking bay* quddiem din il-lukanda jkun esklussivament għall-użu tiegħu. Ma kienx hemm qbil mill-membri dwar dan

minħabba l-fatt li stabbilimenti fil-viċin iridu post ukoll fejn iħottu l-merkanzija tagħhom u minħabba li l-parkeġġ huwa limitat ma jkunx possibbli li jsir *un/loading parking bay* għal kull stabbiliment.

67.8.7 PQ 10627 – Permessi Caravans/Campers/Motorhomes. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

67.8.8 PQ 10735 – Parkeġġi allokati għall-Operat tal-Kumpanija GoTo. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

67.8.9 PQ 10737 – Ċitazzjonijiet fuq Parkeġġi tal-Kumpanija GoTo wara li waqqfet l-operat tagħha. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

67.8.10 Ċirkulari Nru AKL 2023/058 – 'Blue Hearts Campaign' Request to light up Local Councils and main buildings in blue. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.11 Ċirkulari Nru AKL 2023/059 – CoastWAVE Tsunami workshop – Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2023/060 – Local Councils which have AEDs installed in their locality. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.13 Ċirkulari Nru AKL 2023/061 – Dikjarazzjoni għall-avveniment temporanji. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.14 Ċirkulari Nru AKL 2023/062 – Dancing to Dementia programme in the community. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.15 Ċirkulari Nru AKL 2023/063 – Courses offered by the Department of Disability Studies. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.16 Ċirkulari Nru AKL 2023/064 – Local Councils activities aired on TVM. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2023/065 – Group Life Policy – Membri Eletti. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex din l-assigurazzjoni terġa' tiġġedded għal sena oħra.

67.8.18 Ċirkulari Nru AKL 2023/066 – Elderly Services Application. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.19 Ċirkulari Nru AKL 2023/067 – Stedina: Seminar Pensjonijiet Qabel 1962. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.20 Ċirkulari Nru AKL 2023/068 – Green Public Procurement Workshop 02/08/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.21 Ċirkulari Nru AKL 2023/069 – IDEA Academy Scholarship. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.22 Ċirkulari Nru AKL 2023/070 – European Mobility Week 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut u kif maqbul aktar kmieni f'din il-laqgħa, il-Kunsill ser ikun qed jissottometti l-applikazzjoni.

67.8.23 Ċirkulari Nru AKL 2023/071 – Save the Date: Upcoming International Conference in September 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

67.8.24 Ċirkulari DLG numru 13/2023 – Emendi fir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali (A.L. 123 tal-2023) u Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet (A.L. 136 tal-2023). Il-Kunsill innota l-kontenut hekk kif esprima l-pożizzjoni tiegħu dwar din il-materja aktar kmieni f'din il-laqgħa.

67.8.25 Ilment 26/2023

Resident jilmenta dwar imwejjed u siġġijiet ta' ristoranti li jimblokkaw l-aċċess fi Triq Xatt ix-Xlendi. Is-Sindku għarraf lill-membri li l-awtorita' responsabbli hija l-Awtorita' tal-Artijiet li diġa' ġiet infurmata b'dawn il-każijiet.

67.8.26 Ilment 27/2023

Residenta tilmenta dwar ikel tal-qtates li jitħalla barra speċjalment fil-viċinanzi tad-dar tagħha fi Triq San Pawl fil-Munxar. Is-Sindku sostna l-pożizzjoni tal-Kunsill li l-*cat feeders* għandhom kull dritt jgħalfu l-qtates abbandunati iżda jridu joħorġu l-ikel f'kontenitur u jerġgħu jiġbruh biex tinżamm l-indafa.

67.8.27 Ilment 28/2023
Resident jitlob sabiex tiġi nstallata mera tat-traffiku fi Triq il-Munxar quddiem l-entratura tal-garaxxijiet minħabba l-periklu li jeżisti. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

67.8.28 Ilment 29/2023
Resident jitlob sabiex jiġu rranġati t-toqob tal-ilma tax-xita li jinsabu fi Triq San Xmun fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri.

67.8.29 Ilment 30/2023
Residenta titlob sabiex isiru *roadmarkings* quddiem u ħdejn il-garaxx tagħha biex ma jipparkjawx quddiemu. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

67.8.30 Ilment 31/2023
Resident jitlob sabiex issir bankina ġdida quddiem il-post tiegħu fi Triq 12 ta' Diċembru 1957 fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi ssottomessa t-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

67.8.31 Ilment 32/2023
Resident li qed jirranġa post fi Triq il-Kalkara tal-Ġir fil-Munxar, jilmenta dwar id-dawl qawwi li qed jidħol fir-residenza tiegħu minħabba l-bozza tat-triq. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jiċċekja dwar il-possibilta' li tiġi koperta t-tieqa tal-proprjeta' mid-dawl tal-bozza.

67.8.32 Ilment 33/2023
Resident jitlob sabiex issir bankina ġdida li tkun tinkludi żewġ rampi fi Triq il-Qroll fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi ssottomessa t-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

67.8.33 Ilment 34/2023
Resident jilmenta dwar in-numru ta' permessi u għeluq tat-triq fi Triq Puniċi fix-Xlendi. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex il-permessi għal għeluq ta' din it-triq bejn Awwissu u Settembru jiġu llimitati għal darbtejn fil-ġimgħa bejn nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis.

67.8.34 Ilment 35/2023
Talba sabiex issir *un/loading parking bay* fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi minħabba li ser ikun qed jiftaħ *supermarket* ġdid. Kien hemm qbil mill-

membri sabiex l-applikant jiġi ggwidat biex japplika ma' Transport Malta.

## 67.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

67.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 67/2023-8 għall-perjodu bejn it-23 ta' Ġunju 2023 u s-26 ta' Lulju 2023 li tammonta għal €40,080.52 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Joseph Cauchi kien il-proponent filwaqt li l-Viċi Sindku Carmela Parnis is-sekondant.

## 67.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

67.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 24 t'Awwissu 2023 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 24 t'Awwissu 2023.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv